MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Numru. 1211/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs.**

**Emanuel Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Emanuel Bugeja**, ta' tnejn u hamsin (52) sena, bin Paul Bugeja u Carmela Bugeja xebba Farrugia, imwieled is-Siggiewi, nhar il-11 ta' Frar 1959, residenti 'Carmen', Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi, u detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-numru 147759M, akkuzat talli:

a) nhar is-27 ta' Mejju 2011, u fix-xhur u gimghat ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi

u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'sit apert u cioé li hu jokkupa b'titolu validu fil-limiti tas-Siggiewi, opera facilita tal-hzin primarja u ta' l-ibbottiljar ta' l-LPG minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni valida mill-awtorita' kompetenti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "TC" – *a fol.* 4).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 8).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed u lix-xhieda minnu prodotti.

Semghet it-trattazzjoni orali fis-seduta tal-25 ta' April 2013 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Lulju 2013.

Rat id-Digriet taghha tal-4 ta' Lulju 2013 fejn, in segwitu ta' Rikors ipprezentat mill-imputat fil-21 ta' Gunju 2013, giet milqugha t-talba sabiex tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza b'dan illi kellha tigi ezebita prova formali tas-sentenza li saret riferenza ghaliha fir-rikors.

Rat illi, fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2013, il-Prosekuzzjoni ma kkontestatx il-genwinita tal-kopja tas-sentenza li tinsab *a fol.* 93 *et seq.*.

Rat is-sentenza moghtija fit-13 ta' Gunju 2013 mit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (*a fol.* 93 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2011, xehed l-i**Spettur Tony Cachia** (*a fol.* 9 *et seq.*) li qal li fil-15 ta' Novembru

2010 mar go fond fis-Siggiewi, liema fond japparjteni lill-imputat, u sab trukkijiet bic-cilindri tal-gass u wara li talab lill-imputat ghal permess, dan kien qallu li kien applika biex jottjeni tali permess. Jispjega li kien ikkomunika mal-MEPA u mal-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi (MRA) li kienu nfurmawh li l-imputat kien applika ghall-permess. Irrizultalu li l-MEPA tiddeciedi fuq il-permess wara li tikkonsulta mal-MRA. Irrizulta li fuq is-sit l-imputat kellu *enforcement notice* mill-MEPA. Jispjega li kien ta struzzjoni lil PS 1125 Alfred Mangion biex imur fuq il-fond u li dan mar fis-27 ta' Mejju 2011 fejn kien rega' sab it-trukkijiet bic-cilindri tal-gass. Jispjega li wara li l-permess ufficjali ma kienx inhareg u, a bazi ta' dak li kien qallu l-Inginier Godwin Sant li kien ghadu m'hemmx permess tal-MEPA, kellhom jinhargu l-akkuzi citati f'din il-kawza kontra l-imputat.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **Anthony Pisani** (Operations Manager fi hdan id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili) (*a fol.* 31 *et seq.*) li spjega x'sab meta saret *inspection* flimkien ma' zewg Pulizija f'fond fis-Siggiewi u fejn kien laqaghhom l-imputat.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **Engineer Simon Scicluna** (*anaylst* mal-MRA) (*a fol.* 43 *et seq.*) li qal li kienu baghtu ghall-imputat u nfurmawh li sabiex ikun jista' jahzen ic-cilindri kellu bzonn permess mill-MRA u kif ukoll mill-MEPA. Jispjega li min ikun irid jaghmel dan it-tip ta' hazna tal-gas, irid iqabbad persuna kompetenti mill-MRA illi tigwidah kif ghandha tkun l-istruttura u jekk ikun hemm qbil ma' dik it-tip ta' struttura tinhareg dik li tissejjah *clearance letter* jew *no objection* lil min ikun jixtieq jaghmel dan it-tip ta' zvilupp imbaghad imur biha l-MEPA biex igib il-permess tal-izvilupp u f'kaz li jinhareg dan il-permess tal-izvilupp minn naha tal-MEPA, ibaghad l-MRA taghtih l-awtoriazzazzjoni biex ikun jista' jaghmel il-hazna tal-gas. Ikkonferma li l-imputat qabbad persuna kompetenti li tah parir x'irid jaghmel u ma jaghmilx u kkonferma wkoll li l-imputat ghamel dak li kien irrakomandalu l-persuna kompetenti tant li minn naha tal-MRA dehrilhom li jekk l-imputat jaghmel il-hazna tal-gas skond il-parir kif tah dan il-persuna, huma ma kienux ser

isibu oggezzjoni. Ikkonferma li nharget *clearance letter* li tghid li ma kellhomx oggezzjoni li l-imputat ikollu dan it-tip ta' hazna salv li jinhariglu l-permess tal-MEPA biex imbaghad ikunu jistghu johorgu lill-imputat l-*final authorisation* minn naha tal-MEPA. Ix-xhud ezebixxa ittra datata 14 ta' April 2011 (Dok. "SS1" – *a fol.* 48) mibghuta lid-Direttur tal-Planning tal-MEPA fejn dan gie moghti rispons mill-MRA fuq il-proposta tal-imputat biex jahzen il-gas. Jispjega li f'kaz li l-MEPA ma tohrogx il-permess, l-MRA ma tkunx tista' tohrog l-awtorizzazzjoni taghha. Jghid: *"Jigifieri ahna meta nohorgu l-clearance letter irrid nfehmu lil min japplika maghna li ahna willing li nohorgulu l-awtorizzazzjoni finali basta hu jkun in regola mal-permessi kollha mehtiega tal-awtoritarjiet kompetenti"* (*a fol.* 46).

Illi l-ittra datata 14 ta' April 2011 tghid hekk:

*"While the MRA recognizes the fact that this is a matter which falls within the competence of the MEPA, any response by MRA should be construed solely and limitedly for the purposes of this consultation.*

*In this regard, it must also be stated that this and any other response in writing by the MRA to the application submitted for consultation or to any other documentation, should not in any way be deemed as approving or condoning any matters beyond the MRA's immediate remit and response"* (*a fol.* 48).

Illi, meta fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 85-86), l-Engineer Simon Scicluna gie mistoqsi jekk jikkonfermax li, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-imputat, mil-lat tal-MRA, l-imputat kellux kollox in regola, iwiegeb: *"Le ma nikkonfermax hekk ghax kieku konna nohorgulu l-awtorizzazzjoni. Ahna ma hrignihielux ghax sibna li ghandu problemi ta' permessi ta' l-izvilipp"* (*a fol.* 86). Jikkonferma pero li mil-lat ta' *safety* u mir-rapport tal-Engineer l-imputat kellu kollox *in order* (*a fol.* 87).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **Reuben Gauci** (<u>Senior Environment Officer mal-MEPA</u>)

(*a fol.* 49 *et seq.*) li spjega kif f'Awissu 2010 ircevew rapport illi f'Wied Hesri kien hemm zvilupp illegali u li kienu qed jigu pparkjati xi trukkijiet li jahznu cilindri tal-gas u li jgorru cilindri tal-gas. Jispjega kif fl-14 ta' Settembru 2010 inhareg "Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq" (Dok. "RG 1" u "RG 2" – *a fol.* 53 u 54). Jispjega li l-applikazzjoni li saret wara mill-imputat giet rifjutata (Dok. "RG 3" – *a fol.* 55 ) u li sa meta xehed Gauci quddiem il-Qorti kien ghad hemm appell pendenti rigward dan ir-rifjut.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **PS 1125 Alfredo Mangion** (*a fol.* 57 *et seq.*) li xehed fuq l-ispezzjoni li saret minnu fis-27 ta' Mejju 2011. Jghid li sab trukk wiehed mghobbi bi tlitt gageg li fihom kien hemm ammont ta' cilindri tal-gas.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2011, xehed ukoll **Godwin Sant** (<u>li fiz-zmien tal-kaz kien impjegat bhala Direttur tal-Energija mal-MRA</u>) (*a fol.* 61 *et seq*.) li spjega f'kull kaz ta' hazna ta' *fuel* jew cilindri tal-gas kienu jahdmu flimkien mal-MEPA u awtoritajiet ohra. Jghid li f'dan il-kaz kien tqabbad l-Engineer Mario Magri mill-imputat u li l-MRA laqghet ir-rapport li ghamel l-Engineer u li bhal mas-soltu jigri gew elenkati xi kundizzjonijiet minn naha tal-MRA fosthom li jrid ikun hemm l-permessi tal-awtoritajiet l-ohra koncernati, cioé tal-MEPA. In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li l-Engineer Mario Magro huwa wiehed mill-persuni li ghamel kors appozitu sabiex ihejji *hazard report*. Jghid ukoll: *"Ahna bhala Awtorita' noqghodu fuqu, nohorgu l-kundizzjonijiet ta' xiex, imbaghad nghidu li minn naha tal-kompetenza safety ahna noqghodu fuq l-Engineer ikkoncernat ghax ghamel l-istudji tieghu. Jekk imbaghad igib il-permess mehtiega mill-Awtoritajiet ohra ahna naghtu permess biex jibda l-operat"* (*a fol.* 66-67). Jispjega li apparti l-MRA hemm ukoll il-MEPA li ghandha l-ligijiet taghha wkoll.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012, xehed l-imputat **Emanuel Bugeja** (*a fol.* 74 *et seq.*) li xehed li l-MRA talbitu jaghmel rapport liema rapport sar mill-Engineer Mario Magri. Jghid li wara li gara hekk, l-MRA hargulu

dokument fejn gie mnizzel li ma kellhomx oggezzjoni b'numru ta' kundizzjonijiet.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012, xehed l-**Engineer Mario Magri** (*a fol.* 79 *et seq.*) li spjega kif huwa persuna kompetenti fil-*gas division* tal-MRA u spjega ukoll li kien gie nkarigat mill-imputat biex jaghmel rapport rigward ipparkeggjar tat-trukkijiet tac-cilindri tal-gas. Jispjega li dak li kien issugerixxa lill-imputat biex jaghmel, dan kien effettivament ghamlu. Jispjega li: *"bhala codes of practice il-post u d-distanzi qeghdin aktar minn times ten, aktar minn ghaxar darbiet, ghax kif qed nitkellmu hemm 7.5 meters il-ligi titlob mill-eqreb post abitat, l-eqred post abitat ta' s-Sur Bugeja qieghed ferm u ferm aktar 'il boghod"* (*a fol.* 80). Fir-rigward ta' *safety*, jghid hekk: *"[I]n rigward ta' safety l-art hija nadifa, ma hemmx affarijiet x'jaqbdu fil-vicinanzi jigifieri qieghed in line ma' r-regulations"* (*a fol.* 80). Mistoqsi in <u>kontro-ezami</u> minn liema Awtorita' irid jinhareg il-permess finali biex ikun hemm hazna ta' cilindri tal-gas, iwiegeb hekk: *"Sa fejn naf jiena mill-MRA, MEPA, nahseb dawk hux, MRA u MEPA"* (*a fol.* 81). Ikompli jispjega: *"Meta nigu ahna biex naghmlu installazzjoni ta' l-gas, l-ewwel immorru nipprezentaw rapport lil MRA, jghidulna hawnhekk accettabbli, imbaghad immorru ghand il-klijent nghidulu isma l-proposta tieghek giet accettata biex isir l-impjant, issa gib il-permessi tal-MEPA u li hemm bzonn, Kunsill Lokali, MEPA, jien naf, mbaghad inpoggu t-takka"* (*a fol.* 81). Mistoqsi: *"Jigifieri l-final allowance qisha, il-final permit irid johrog minghand il-MEPA, naqblu?"*, iwiegeb: *"Nahseb, hekk nahseb"* (*a fol.* 81). In <u>ri-ezami</u> mistoqsi jghid liema huwa r-regolatur li qieghed hemm biex jiddifenixxi jekk post huwiex in linea ma' dawn ir-regolamenti ta' *safety* etc, iwiegeb li huwa l-MRA (*a fol.* 81).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat taghmel riferenza ghad-data tas-27 ta' Mejju 2011 u ghax-xhur u gimghat ta' qabel. Id-difiza, fit-trattazzjoni taghha (*a fol.* 89 *et seq.*), targumenta li l-provi jirrigwardaw biss is-27 ta'

Mejju 2011 u ghaldaqstant peress li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tuza l-kelma “u” u mhux “jew” wara d-data “27 ta’ Mejju 2011” ma tisghtax tinsab htija fl-imputat. Dan huwa argument infondat minhabba l-fatt li minkejja li l-imputazzjoni tuza l-kelma “u” u mhux “jew” jew inkella “u/jew” xorta wahda tista l-Qorti ssib htija biss fl-imputat ghar-rigward tad-data 27 ta’ Mejju 2011. L-istess japplika ghall-argument tad-difiza fir-rigward tal-fatt li l-imputazzjoni tirreferi ghal facilita’ tal-hzin primarja “u” ta’ l-ibbottiljar tal-LPG. Huwa minnu li ma jezitu l-ebda provi fl-atti processwali rigward l-ibbottiljar pero dan ma jfissirx li l-Qorti ma tistax issib htija tal-facilta’ tal-hzin. Filfatt jirrizulta ampjament pruvat li fis-27 ta’ Mejju 2011 kien hemm trukk mghobbi b’gageg li fihom kien hemm ammont ta’ cilindri tal-gas.

Illi mill-provi jirrizulta li effettivament dakinhar tas-27 ta’ Mejju 2011 l-imputat ma kellux il-permess tal-MEPA pero kellu dak li fis-smiegh tal-provi ssir riferenza ghalih bhala *clearance letter* mill-MRA, liema *clearance letter* hija datata 14 ta’ April 2011 (Dok. SS 1 – *a fol.* 48). Id-difiza targumenta li dan huwa bizzejjed sabiex l-imputat ma jinstabx hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi mill-provi jirrizulta li din il-*clearance letter* mill-MRA tinhareg minhabba kwistjonijiet ta’ *safety*, pero irrizulta wkoll illi min ikun jixtieq jaghmel dan it-tip ta’ zvilupp imbaghad imur biha l-MEPA biex igib il-permess tal-izvilupp u f’kaz li jinhareg dan il-permess tal-izvilupp minn naha tal-MEPA, imbaghad l-MRA taghtih l-awtorizzazzjoni biex ikun jista’ jaghmel il-hazna tal-gas. Dan ifisser li sabiex tinhareg l-awtorizzazzjoni finali, l-MRA tistenna minn ghand il-MEPA. Id-difiza targumenta li ladarba l-MRA kienet sodisfatta mis-*safety* li ha l-imputat, tant li jirrizulta li aderixxa ma’ dak li gie suggeriet lilu mill-Engineer inkarigat minnu stess, ghaldaqstant l-imputat setgha jahzen ic-cilindri tal-gas. Il-Qorti ma taqbilx ma’ dan l-argument u dan ghal diversi ragunijiet indikati hawn taht.

Illi diversi xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri xehdu li wara li l-MEPA jaghtu l-*go ahead*, l-MRA tohrog il-permess finali.

**Ikkunsidrat**

Illi Regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidarja 423.28 jghid hekk:

"L-operazzjonijiet u l-attivitajiet li gejjin ghandhom ikunu jehtiegu awtorizzazzjoni: […]
(*b*) twettaq l-attività ta' importatur u, jew grossista tal-*petroleum* jew topera facilità tal-hzin primarja jew ta' l-ibbottiljar ta' l-*LPG"*.
Illi Regolament 2 tal-istess Legislazzjoni Sussidarja jaghti definizzjoni ta' x'inhi "awtorizzazzjoni" u jghid li din tfisser:

"awtorizzazzjoni moghtija taht dawn ir-regolamenti, u f'dak li ghandu x'jaqsam ma' servizzi u provdituri ta' servizz tfisser permess, licenza, *warrant*, appuntament, koncessjoni jew kull decizjoni f'dak li ghandu x'jaqsam ma' access ghal attività tas-servizz jew l-ezercizzju taghha".

Illi skond id-definizzjoni tal-kelma "awtorizzazzjoni" t'hawn fuq jidher li ghandha ssir distinzjoni bejn zewg tipi ta' awtorizzazzjoni: kwalunkwe awtorizzazzjoni li tista' tinghata *ai termini* tal-Legislazzjoni Sussidjarja 423.28 u/jew kwalunkwe licenzja, permess ecc li jista' jkollu x'jaqsam ma' dak is-servizz. Qieghed jinghad u/jew minhabba fil-comma (",") li tinsab wara l-kliem "moghtija taht dawn ir-regolamenti").

Illi, imbaghad, Regolament 13 jghid hekk:

"Meta tiehu decizjoni dwar l-ghoti, il-hrug, l-emenda jew tigdid jew kull haga ohra li tolqot l-awtorizzazzjoni mahruga taht dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' tiehu in konsiderazzjoni dan li gej: […]

(*g*) il-konvenjenza tal-facilità fir-rigward ta' sigurtà, sahha, sigurezza, sustanzi perikoluzi, ambjent, uzu ta' l-art u **<u>htigiet ta' l-ippjanar</u>**". [emfazi mizjuda]

Illi, apparti dan, Regolament 14 tal-istess Legislazzjoni Sussidarja jghid is-segwenti:

"L-Awtorità ghandha dritt li tirrifjuta talba ghal awtorizzazzjoni jew, jekk awtorizzazzjoni tkun inharget, talba ghat-tigdid ta' l-awtorizzazzjoni, ghar-ragunijiet li:

(a) l-Awtorità tikkunsidra li t-talba ma tkunx konformi ma' xi wiehed jew aktar mill-kriterji msemmija fir-regolament 13; […]".

Illi minn qari akkurat tar-Regolamenti t'hawn fuq jirrizulta li effettivament huwa minnu dak li jirrizulta mix-xiehda fl-atti processwali, cioé li huwa biss wara l-*clearance letter* tal-MRA u wara li l-MEPA taghti l-*go ahead* taghha, li l-MRA taghti l-awtorizzazzjoni finali taghha.

Illi, *di fatti*, fl-atti processwali ma jirrizulta l-ebda awtorizzazzjoni da parti tal-MRA sabiex l-imputat jahzen ic-cilindri tal-gas pero d-dokument tal-MRA li jezisti fl-atti processwali huwa biss *clearance letter* mibghuta lil MRA lil MEPA (Dok. "SS 1" – *a fol.* 48), liema *clearance letter per se* m'hijiex awtorizzazzjoni lill-imputat biex jahzen ic-cilindri tal-gas.

**Ikkunsidrat**

Illi m'hemmx dubju ghalhekk li dik il-parti tal-imputazzjoni li tirreferi ghall-hazna ta' LPG fis-27 ta' Mejju 2011 giet sodisfacentement pruvata. Dan jirrizulta anke wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-sentenza moghtija fit-13 ta' Gunju 2013 mit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (*a fol.* 93 *et seq.*) liema appell jirrigwarda proposta sabiex fiz-zona in kwistjoni jigi ssanat il-bdil fl-uzu ta' parti minn ghalqa ghad-depozitu tac-cilindri tal-gass LPG, kif ukoll ta' tisqif b'tinda, il-bini ta' mhazen, hitan tas-sejjieh u giebja, it-tqeghid ta' xatba u t-twittija ta' pjattaforma tal-konkos. Ta' min jinghad li dan l-appell gie milqugh limitatament u gie deciz is-segwenti: *"Dan il-permess qed jinhareg b'validita' ta' tlett (3) snin. Kemm il-darba fil-frattemp jinstab sit iehor adegwat ghal tali hazna*

*jew jigi stabbilit xi tip ta' depozitu centrali ghall-hazna tal-gass LPG, dan il-permess ma jibqax iktar validu u f'zmien tlett (3) xhur, l-appellant irid jirripristina s-sit ghas-spejjez tieghu"*.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li a bazi ta' Regolament 34(1) tal-Legislazzjoni Sussidarja 423.48, l-imputat jista' jinghata piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn tmintax-il xahar, jew multa ta' mhux aktar minn disgha u sittin elf u tmien mija u wiehed u tmenin Euro u ghoxrin centezmu (€ 69,881.20), jew ta' elf u tliet mija u sebgha u disghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€ 1,397.62) ghal kull jum li fih jibqa' ghaddej ir-reat, jew dik il-multa u prigunerija flimkien. A bazi tal-konsiderazzjonijiet segwenti, cioé il-fedina penali tal-imputat (li minkejja li mhijiex wahda nadifa ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja), in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, il-fatt li l-imputat, minkejja li ma kellux l-awtorizzazzjoni finali mill-MRA xorta kien ha hsieb li jsegwi r-rapport rigward is-*safety* redatt mill-Engineer inkarigat minnu, u kif ukoll dak li gie deciz fit-13 ta' Gunju 2013 mit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (*a fol.* 93 *et seq.*), il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandhiex timponi piena ta' prigunerija fil-konfront tal-imputat pero ghandha timponi hlas ta' multa li ma jkunx vicin il-massimu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat minn dik il-parti tal-imputazzjoni fejn issir riferenza *"fix-xhur u gimghat ta' qabel [is-27 ta' Mejju 2011], b'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda"* u ghal dik il-parti tal-imputazzjoni fejn issir riferenza ghall-*"ibbottiljar ta' l-LPG"*, wara li rat Regolament 3(1)(b) tal-Legislazzjoni Sussidarja 423.28 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati talli fis-27 ta' Mejju 2011 f'sit apert u cioé li hu jokkupa b'titolu validu fil-limiti tas-Siggiewi, opera facilita tal-hzin primarja ta' l-ibbottiljar ta' l-LPG minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni valida mill-Awtorita' kompetenti u

tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ tlett’elef Euro (€ 3000).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------